**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**KAZ ASF 035/2022**

**ZJ (l-ilmentatur)**

**vs**

**GasanMamo Insurance Limited**

**(C 3143)**

**(l-assikurazzjoni/il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-22 ta' Frar 2023**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**[1] fejn l-ilmentatur issottometta li fl-20 ta' Settembru 2021, id-dghajsa tieghu giet irmunkata fuq *trailer* mill-*Marina* tal-Imsida ghall-*boatyard* fl-Iklin. Meta d-dghajsa tnizzlet minn fuq il-karru ghal fuq il-posti, l-ilmentatur u min garrlu d-dghajsa (XXX) innutaw zewg qasmiet fil-qiegh tad-dghajsa, wahda kull naha. XXX ma riedx flus talli garrlu d-dghajsa u dan ghaliex induna li kien ghamel hsara fid-dghajsa tal-ilmentatur.

L-ilmentatur isostni li l-karru ma kienx addattat ghall-kobor u l-piz tad-dghajsa.

L-ilmentatur mill-ewwel informa lill-assikurazzjoni u gie s-*surveyor* tal-provditur tas-servizz. Wara ftit ircieva minghand il-provditur tas-servizz li l-*claim* kienet giet michuda u l-polza kkancellata.

L-ilmentatur spjega li l-provditur tas-servizz qallu li kien ha dawn il-mizuri ghaliex l-ilmentatur kien bidel l-assikurazzjoni minn ma' MAPFRE ghal ghandu ghaliex MAPFRE m'accettawx li jgeddulu l-assikurazzjoni u l-ilmentatur ma kienx

[1] Pagna (P) 3

informa lill-provditur tas-servizz b'dan. L-ilmentatur isostni li hu qatt ma fittex li jerga' jgedded l-assikurazzjoni ma' MAPFRE u ma kienx minnu li MAPFRE ma ridux igeddulu.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz infurmah li l-ilmentatur kien ghamel *claim* dwar l-istess hsara ma' MAPFRE. L-ilmentatur isostni li dan mhux minnu ghaliex il-*claim* li kellu ma' MAPFRE kienet dwar hsara fuq wara nett tad-dghajsa fic-centru taghha, filwaqt li l-qsim li kklejmja mal-provditur tas-servizz kien l-oppost, jigifieri, in-naha ta' quddiem fuq iz-zewgt ignub. Il-hsara li dwarha ghamel l-ilment ma' MAPFRE kienet digà giet imsewwija qabel ma nizzel id-dghajsa.

Fuq il-*proposal form,* l-ilmentatur kien nizzel li kellu *claim* xi tliet snin ilu u li kienet dwar hsara fuq il-*platform*. Jghid li dik il-hsara li kien sewwa u li dwarha kien ghamel il-*claim* ma' MAPFRE semmiha meta mar jinxurja mal-provditur tas-servizz izda ma semmihiex fuq il-*proposal form*; u r-raguni ghalfejn ma kienx nizzel din l-informazzjoni fil-*proposal form* kien ghaliex MAPFRE ma kinux laqghulu l-*claim* ghax qalulu li dak li kellu kien rizultat ta' *wear* and *tear*. It-tiswijiet u l-manutenzjoni li ssir kull sena ma titnizzilx fuq il-*proposal form.*

L-ilmentatur qed jitlob lill-Arbitru jordna lill-provditur tas-servizz ihallsu s-somma ta' €6,000.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

B'referenza ghall-ilment tas-Sur ZJ, nistghu inwiegbu li:

1. Is-Sur ZJ rrapporta li kellu hsara fid-dghajsa tieghu waqt li kienet qieghda tingarr fuq *trailer* mill-Imsida sa l-*Iklin Boatyard*.
2. Nirreferu ghall-kundizzjoni numru 7 tal-polza li tghid:

   *'To the best of your knowledge and belief, the answers given on your proposal are correct and you did not them omit to disclose any relevant facts, nor on a renewal of a policy omit to disclose any new or altered relevant facts. This policy shall be null and void in the event of misrepresentation or non-disclosure of any material fact and any rights to recover under the policy shall be forfeited.'*
3. Apparti dan fil-*Proposal Form* huwa specifikat:

***'Declaration***

***Very Important***

***You are reminded of the need to disclose any facts which the insurer would take into account in the assessment and acceptance of this proposal.*** *If you have any doubts as to whether certain facts are relevant, ask your local GasanMamo Insurance Office. Failure to disclose all relevant facts may invalidate your policy or may result in your policy not operating. Please ensure that you keep a record (including copies of letters) of all information that you supply to us in relation to this proposal.*

*Further, I/we agree that if my answer has been written by any other person on my/our behalf, such person shall for that purpose be regarded as my/our Agent and not the Agent of GasanMamo Insurance.*

***When completing this application, you should disclose any fact which may influence the acceptance of the risk.***

*Signature: ZJ                    Proposal Date 22/06/2021'*

Illi fil-*Proposal Form* l-assigurat wiegeb hekk:

**'*Has the Boat even been damaged? – YES'***

U iktar tard zied:

***'Third Party Boat hit my boat whilst both were moored. Damages amounted to EUR900.'***

4. Wara li saret il-*claim* ahna qabbadna lill-Inginier Elio Desira ta' *Oceanus Marine Ltd* biex jinvestiga dan il-kaz.

   Mill-investigazzjoni tal-Inginier Desira rrizulta li:

   a. Il-verzjoni tal-klijent ma kinitx veritiera;

   b. Digà kellu hsara simili u li pprova jaghmel *claim* dwaru ma' *MAPFRE Middlesea* però dawn ma accettawx il-*claim* ghax kienet evidenti li l-hsara kienet antika;

c. Qabel ma nxurja d-dghajsa ma' *GasanMamo Insurance Ltd*, ghamel tiswijiet superficjali fejn illapazza l-hsara. B'hekk, is-*surveyors* NAS, li ghamlu *Condition & Valuation Survey Report* fuq id-dghajsa qabel ma giet inxurjata ma' *GasanMamo Insurance Ltd*, ma setghux jindunaw bil-hsara antika peress li kienet giet mohbija;

d. Huwa evidenti li dak li pprova jaghmel ma' *MAPFRE Middlesea* u ma rnexxielux, issa qieghed jipprova jaghmlu ma' *GasanMamo Insurance Ltd.*

5. Is-Sur ZJ ma mexiex b'*utmost good faith* u fil-*Proposal Form*

   a. nizzel informazzjoni mhux kompluta u zvijanti;

   b. naqas milli jsemmi fatti materjali li sehhew proprju ftit xhur qabel.

   Konsistenti fis-segwenti:

   1. Ma semmiex li l-kumpanija tal-assigurazzjoni *MAPFRE Middlesea* ma kinux geddewlu l-polza tal-assigurazzjoni;

   2. Ma semmiex li kien ghamel *claim* ma' *MAPFRE Middlesea* u li din giet irrifjutata ghal ragunijiet ta' '*non-disclosure'* u ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza;

   3. Ma semmiex li kien ga kellu incident iehor li b'rizultat tieghu kellu hsara fid-dghajsa minbarra dik li allegatament sehhet f'Settembru 2021;

   4. Li naqas li jinforma lis-*surveyor* li ghamel is-*survey* qabel ma harget il-polza li d-dghajsa kellha hsara estensiva li skont l-assigurat kienet giet imsewwija izda fil-fatt din giet kosmetikament mohbija.

   c. Is-Sur ZJ kien agent tal-assigurazzjoni ma' *GasanMamo Insurance Ltd* u ghalhekk aktar kien konxju tal-obbligi tieghu li jimla l-*Proposal Form* b'mod komplet u '*with utmost good faith and full disclosure'*. In-nuqqas li jsemmi l-incident li kellu ma' *MAPFRE Middlesea* u li l-*claim* tieghu giet irrifjutata fl-10 ta' Mejju 2021, meta l-*Proposal Form* mal-esponenti saret fl-20 ta' Gunju 2021, u l-fatt li biddel l-assigurazzjoni certament ma kinitx zvista jew accidentali.

6. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess u *in linea* sussidjarja, il-hsara *de quo* tidher li kienet wahda progressiva u li kienet ilha snin tipprogressa minghajr ma giet imsewwija professjonalment u skont kif trid l-arti u s-sengha. Dan jirrizulta *inter alia* kemm mir-raguni ta' rifjut tal-*claim* li kien ghamel ma' *MAPFRE Middlesea* kif ukoll mis-*survey* maghmul minn Elio Desira wara li sar il-*claim de quo.*

7. Illi l-assigurat isostni li l-hsara grat waqt it-tragitt mill-Imsida ghal *Baglu Boatyard*, l-Iklin, u jghid li t-*trailer* ma kienx addattat. Illi ghalkemm l-esponenti jiddubita kemm verament din kienet il-kawza prossima tal-hsara, dwar dan jigi ulterjorment sottomess li kien proprju obbligu tal-assigurat li jaccerta li t-*trailer* huwa addattat u, jekk dan ma kienx u grat il-hsara proprju minhabba f'hekk, din mhix hsara li twiegeb ghaliha l-polza stante li l-assigurat ghandu l-obbligu li juza l-ghaqal u l-prudenza.

   Huwa jsostni li ilu snin ibahhar u certament din ma kinitx l-ewwel darba li garr id-dghajsa. Il-fatt li proprju ftit xhur qabel kellu *claim* kwazi identiku mpona fuqu d-dover li joqghod aktar attent u akkurat fl-ghazla tat-*trailer*.

8. Id-dubju tal-esponenti dwar il-veracità ta' din l-asserzjoni tal-assigurat johrog mill-fatt li meta d-dghajsa giet ezaminata wara l-*claim*, din kien fiha l-ilma, l-*hull* kien imxarrab tant li l-*moisture levels* kienu gholjin u kienu jidhru xquq antiki li kienu lapazzati u ohrajn li kienu *painted over* bl-*antifouling* – indikazzjonijiet kollha ta' hsara ezistenti qabel ma d-dghajsa ttellghet mill-bahar.

Ghal dawn l-imsemmija ragunijiet, il-*claim* ma thallsitx u l-polza giet ikkancellata *ab initio.*

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

L-Arbitru qed jigi mitlub mill-ilmentatur jordna lill-provditur tas-servizz ihallsu s-somma ta' €6,000 ghaliex id-dghajsa li kienet inxurjata mal-provditur tas-servizz

kienet garrbet hsara meta kienet qed tingarr mill-*Marina* tal-Imsida ghall-*boatyard* li kienet l-Iklin.

Il-provditur tas-servizz ma laqax il-*claim* ghal dawn ir-ragunijiet:

1. Ghaliex l-ilmentatur ma tax informazzjoni korretta fuq il-*proposal form* u ghalhekk kien hemm  habi ta' fatti min-naha tal-ilmentatur;

2. Ghaliex wara li tqabbad inginier biex jassessja l-kaz hareg li l-ilmentatur kien digà kellu hsara simili u pprova jaghmel *claim* dwarha ma' *MAPFRE Middlesea Ltd,* però, dawn m'accettawx il-*claim* ghaliex il-hsara kienet antika.

3. Qabel ma l-ilmentatur talab li jsir *Condition and Survey Report* biex ikun jista' jinxurja d-dghajsa kien illapazza d-dghajsa u b'hekk heba difetti antiki biex is-*surveyor* ma jkunx jista' jara l-hsara.

4. Illi dak li pprova jaghmel l-ilmentatur ma' MAPFRE u ma rnexxilux, issa qed jaghmlu ma' *GasanMamo Insurance Ltd.*

5. L-ilmentatur ma mexiex b'*utmost good faith* fil-*proposal form*; nizzel informazzjoni mhux kompluta u zvijanti u naqas li jsemmi fatti materjali li sehhew ftit xhur qabel.

6. L-ilmentatur kien agent tal-assikurazzjoni ma' *GasanMamo Insurance Ltd* u, ghalhekk, kien aktar konxju li jimla l-*Proposal Form* b'mod komplet u '*with utmost good faith and full disclosure'.*

7. Il-hsara li kellu l-ilmentatur ma kinetx rizultat ta' xi incident izda kienet wahda antika u progressiva u, ghalhekk, l-assikurazzjoni mhix obbligata tonora l-*claim*.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz**.[2]

Ghalhekk l-Arbitru se jara jekk ir-ragunijiet li ta l-provditur tas-servizz sabiex ma jonorax il-*claim* humiex gustifikati.

***Habi ta' fatti materjali***

[2] KAP 555, Art.19(3)(b)

Wahda mir-ragunijiet li ta l-provditur tas-servizz sabiex jikkancella l-polza u ma jonorax il-*claim* kienet ghaliex fil-*Proposal Form*, l-ilmentatur ma semmiex, fost affarijiet ohra, li kien ghamel *claim* fuq l-istess hsara ma' kumpanija tal-assikurazzjoni u din kienet cahditlu l-*claim* u din l-informazzjoni ma nizzilhiex fil-*Proposal Form*.

**Il-Qafas Guridiku**

*L-Importanza tal-korrettezza fil-Proposal Form*

L-ewwel pass li jsir biex wiehed jidhol f'kuntratt ta' assikurazzjoni huwa dak li jimla formola imsejha l-*Proposal Form* fejn l-assikurat prospettiv jaghti lill-assikurazzjoni informazzjoni dwar ir-riskju li jrid jinxurja u dawk il-fatti materjali sabiex l-assikurazzjoni tkun f'qaghda li tifhem x'riskji tkun ser tiehu, tkun tista' tiddeciedi jekk tridx tiehu dak ir-riskju u, f'kaz li tkun ser tiehu r-riskju, tistabbilixxi l-ammont tal-*premium* li jrid ihallas l-assikurat ghal dak ir-riskju.

Dan isir ghax kif jigi komplet il-kuntratt ta' assikurazzjoni, ir-riskju jghaddi minn fuq l-assikurat ghal fuq l-assikurazzjoni. Ghalhekk huwa mehtieg li z-zewg partijiet tal-kuntratt juru *bona fede* ma' xulxin li, finalment, huwa rekwizit ghal kull kuntratt li jsehh bejn zewg partijiet. U fil-kaz tal-assikurazzjoni dejjem tqies li l-partijiet ghandhom juru l-oghla *bona fede* (*utmost good faith*).

Din hija l-pozizzjoni li dejjem hadu l-Qrati Maltin fejn il-principju ta' *uberrimae fidei* dejjem tqies rekwizit importanti ghall-kuntratt tal-assikurazzjoni.

Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet *Calcidon Vella vs GasanMamo Insurance Agency Ltd nomine,*[3] il-Qorti qalet:

*'Li kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt "uberminae fidei" huwa principju accettat mill-awturi u l-gurisprudenza kollha in materja. Kuntratt t'assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz.'*

Minkejja li f'pajjizi barranin, bhall-Ingilterra, dan il-kuncett gie rivedut anke billi saret distinzjoni bejn kuntratti ta' assikurazzjoni li jaghmel konsumatur minn dawk li jaghmel kummercjant, u anke dahlet legizlazzjoni gdida f'dan ir-rigward,

[3] PA, 7/03/2008

però, xorta waħda baqa’ rekwiżit importanti li l-kontraenti f’kuntratt ta’ assikurazzjoni juru l-akbar *bona fede* ma’ xulxin. U dan kemm fl-istadju bikri meta tkun qed timtela l-*Proposal Form* kif ukoll matul l-istadji kollha tal-kuntratt; u anke meta ssir *claim* għax ikun immaterjalizza xi riskju li jkun assikurat.

Tradizzjonalment kien meqjus li l-assikurat kellu jagħti l-informazzjoni kollha li jaħseb li hi materjali u dan ir-rekwiżit kien tant wieħed fluwidu u vag, li ħafna drabi kien jintuża mill-assikurazzjoni sabiex faċilment taħrab mill-obbligazzjoni daqstant importanti, jiġifieri, li tonora l-*claim*. Għalhekk fl-iżviluppi l-aktar riċenti f’diversi ġurisdizzjonijiet oħra, ġie stabbilit li l-obbligu li għandu l-assikurat biex jagħti informazzjoni lill-assikurazzjoni fil-*Proposal Form*, m’għandux ikun wieħed bla limitu iżda għandu jkun limitat għall-mistoqsijiet li jsiru fil-*Proposal Form*.

Dan ġie anke rikonnoxxut mill-Qorti tagħna fejn il-Qorti qalet:

‘*Dan il-prinċipju ġie emfasizzat fl-EEC Council Directive tal-1977, għalkemm, f’dik id-direttiva, ġie suġġerit li l-obbligu tal-assikurat huwa eżawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, mingħajr ħtieġa li jżid aktar.*’[4]

L-Arbitru hu tal-fehma li din hi l-aktar pożizzjoni ġuridika korretta u ġusta għaliex, kif ingħad, l-obbligu tal-assikurat, speċjalment meta jkun konsumatur li m’għandux esperjenza fil-qasam tal-assikurazzjoni, m’għandux ikun bla limitu.

Però, bla dubju, l-assikurat għandu jwieġeb b’mod korrett u preċiż il-mistoqsijiet li jsiru fil-*Proposal Form*. Jekk ma jweġibx korrettament dawk il-mistoqsijiet ikun meqjus li l-assikurat ma jkunx onora l-obbligu tiegħu ta’ *uberrima fides* u, għalhekk, l-assikurazzjoni tista’ tinvalida l-kuntratt u ovvjament ma tonorax il-*claim*.

Permezz tal-liġi *Consumer Insurance (Disclosure and Representation) Act 2012* li daħlet fis-seħħ fis-6 t’April 2013 fl-Ingilterra saret distinzjoni bejn meta konsumatur ma jagħtix informazzjoni sħiħa għaliex ma jkunx jifhem u, allura, jitqies li n-nuqqas ta’ informazzjoni hija waħda innoċenti, u bejn min ikun traskurat jew negilġenti meta jiġi biex jagħti informazzjoni lill-assikurazzjoni. Tneħħa l-kunċett ta’ ‘*material circumstance*’ jew ‘*material fact*’ u minflok daħal

[4] *Ibid*.

id-dmir tal konsumatur li jiehu '*reasonable care*' li ma jaghmilx mizrapprezentazzjonijiet lill-assikuratur.[5]

John Birds' jispjega l-pozizzjoni kurrenti hekk:

*'... In essence, it is only mis-statements on a proposal form or in answer to questions posed on the telephone or or electronically that are actionable in the situation of an original proposal for insurance'.*[6]

U '*reasonable care*' tigi meqjusa bl-i*standards* li ghandu jkollu '*a reasonable consumer*'. F'dan il-kuntest, il-ligi Ingliza tqis ukoll in-natura tal-mistoqsijiet li jsiru fil-*Proposal Form* u jekk kinux cari jew ambigwi kif ukoll is-sitwazzjoni meta agent ikun qed jirrapprezenta lill-konsumatur.

L-Arbitru elenka dawn il-principji godda tal-ligi Ingliza mhux ghaliex huwa legalment marbut bihom izda sabiex juri li x-xena inbidlet u nbidlu wkoll certi principji li tradizzjonalment anke f'pajjizna segwejna fedelment. Il-Qrati Maltin ghal snin shah segwew il-gurisprudenza Ingliza fil-qasam tal-assigurazzjoni u, ghalhekk, wiehed jaghmel tajjeb li jara kif ix-xena f'dan il-pajjiz qed tinbidel.

L-Arbitru jhoss ukoll li **certi principji** stabbiliti fil-*Consumer Insurance (Disclosure and Representation) Act 2012* jaghmlu aktar haqq bejn il-partijiet ghaliex filwaqt li l-konsumatur gie mhares mir-rekwizit bla limitu li kellu qabel fl-ghoti ta' informazzjoni, li l-assikurazzjoni xi drabi kienet titlobha biss wara li ssir xi *claim*, min-naha l-ohra dak il-konsumatur li jew b'negligenza, traskuragni jew b'qerq ma jwegibx korrettament il-mistoqsijiet li jsirulu fil-*Proposal Form* jista' jkollu l-kuntratt invalidat u ma jithallasx tal-*claim* li jkun ghamel.

Ghalkemm, kif inghad, l-Arbitru mhux marbut li jsegwi l-ligi Ingiliza, però, certi principji moderni li johorgu minnha jwasslu ghall-**gustizzja, l-ekwità u r-ragonevolezza li fuqhom l-Arbitru jrid ifassal id-decizjoni tieghu.**[7]

*Il-principji ta' uberrima fides u ghoti ta' informazzjoni korretta applikati ghal dan il-kaz*

[5] *John Birds, Birds' Modern Insurance Law (Sweet and Maxwell), 10 Edition*, p. 126-127
[6] *Ibid*.
[7] KAP. 555, Art. 19(3)(b)

Fl-ilment tieghu, l-ilmentatur jghid li veru li ma kienx semma l-fatt li kien ghamel *claim* ftit qabel ma' MAPFRE dwar l-istess dghajsa fil-*proposal form*, izda meta kien mar sabiex jinxurja d-dghajsa ma' *GasanMamo* qalilhom bil-fomm dan il-fatt.

Meta xehed quddiem l-Arbitru, fost affarijiet ohra, l-ilmentatur qal hekk:

*'Nikkonferma li l-Proposal Form imlejtha jien u Diana. Nikkonferma li gieli hdimt bhala broker tal-insurance. Nikkonferma li dawn il-formoli huma familjari ghalija u naf l-importanza tad-domandi li hemm fil-Proposal Form.*

*Qed jinghad li fil-Proposal Form hemm domanda jekk jien qattx kelli claim jew hsara ohra fid-dghajsa, u jien semmejt li l-unika hsara li kelli kienet meta d-dghajsa kienet marbuta u kienet qed tahbat mal-blat u l-incident ta' wara, meta kelli l-hsara fuq il-hull, ma semmejtux, nghid li meta ghamilt il-claim ma' MAPFRE qaluli li fuq il-claim li ghamilt digà kont ghamilt repairs fuq l-istess haga.'*[8]

Jghid li semma l-incident li kellu ftit qabel lil certa Diana.

Izda l-istess Diana Mifsud xehdet quddiem l-Arbitru dan li gej:

*'Nghid li niftakru lil Adrian. Nghid li le, ma qallix li kellu xi claim qabel ghax kieku kienet tinzel fil-Proposal Form. Dawn ghalina huma affarijiet serji. Kieku qalilna li kellu xi claim, konna nnizzluha dejjem.*

*Li nizzilna kien incident iehor li laqtitu dghajsa ohra meta kienu t-tnejn fil-bahar. Dik li nizzilna, dik li qalli biha. L-unika wahda li hemm imnizzla hija l-unika wahda li qalli. Ma nafx ezatt fejn laqtitu ghax ma dhalniex daqshekk fid-dettall. Li qalli qieghda fil-Proposal Form.'*[9]

L-Arbitru jqis li x-xhieda ta' Diana Mifsud hija aktar veritiera u hija korroborata mill-istess *Proposal Form* li fiha l-ilmentatur ma semmiex il-*claim* li kien ghamel ma' MAPFRE u li dwarha anke ghamel ilment quddiem l-Arbitru.

L-Arbitru ma jara l-ebda raguni valida ghaliex l-ilmentatur ma semmiex li kellu din il-*claim;* u li kieku verament ried isemmiha kellu l-opportunità kollha jnizzilha fil-*Proposal Form.*

[8] P. 109
[9] P. 119

Il-*Proposal Form* kien imliha l-ilmentatur u, ghalhekk, ma jara l-ebda raguni ghalfejn l-ilmentatur ma nizzilx din il-*claim* u sempliciment jghid li semmiha lil Diana Mifsud.

L-Arbitru ma jistax jifhem kif l-ilmentatur semma *claim* li sehhet tliet snin qabel u ghazel li ma jsemmix il-*claim* l-aktar ricenti li kien ghamel ma' MAPFRE.

L-ilmentatur, kif ammetta hu stess, kien hadem bhala *broker* tal-*insurance*[10] u, ghalhekk, kien jaf bl-importanza tal-korrettezza tal-kontenut fi *Proposal Form*.

Fil-fatt, xehed hekk:

'*Nikkonferma li dawn il-formoli huma familjari ghalija u naf l-importanza tad-domandi li hemm fil-Proposal Form*.'[11]

Kif digà gie msemmi aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-ilmentatur naqas li jsemmi li kellu *claim* precedenti ma' assikuratur iehor ftit taz-zmien qabel.

L-Arbitru ma jqisx ir-raguni li ta l-ilmentatur bhala wahda valida meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li l-ilmentatur kien *broker* ta' *insurance* u, kif stqarr huwa stess, kien jaf bl-importanza li *Proposal Form* ghandha timtela b'mod korrett.

John Galdes, ghall-assikurazzjoni, xehed illi kieku l-provditur tas-servizz kien jaf li l-ilmentatur kellu *claim* precedenti li kienet giet michuda, ma kinux jassikurawh:

*'Ovvjament, ahna tkellimna mal-Middlesea wkoll; ghamilna l-investigazzjoni u r-ricerki taghna mal-Middlesea, u l-Middlesea ikkonfermaw li kellhom dan il-claim qabel ma ghamel l-insurance maghna; kienu ftit gimghat qabel ma nxurja d-dghajsa maghna. Ikkonfermaw li huma ma hallsux il-claim u li ma offrewx li jgeddulu l-insurance, li jkomplu jinxurjawh.*

*Biex niccara, meta hu ghamel il-claim mal-Middlesea, huma ma hallsuhx. Ma hallsuhx abbazi tal-ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet u ddecidew li ma jaghmlulux ir-renewal. Meta gie ghandna biex naghmlulu l-insurance, din l-informazzjoni ma tahilniex. La qalilna li kien hemm claim u lanqas li l-Middlesea irrifjutaw li jgeddulu l-policy.*

[10] P. 109
[11] *Ibid*.

***Ovvjament, din l-informazzjoni hija valida hafna u kieku konna nafuha, ma konniex ninxurjaw id-dghajsa. Din hi breach ta' utmost good faith u non-disclosure.'***

L-Arbitru jqis ix-xhieda ta' John Galdes bhala wahda li tirrifletti l-fatti kif graw u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz kellu kull raguni sabiex jirrifjuta li ma jonorax il-*claim* mertu ta' dan il-kaz.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru qed jichad l-ilment.**

**L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-ilmentatur.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**